**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Artikoli 691(1) tal-Kap 9; 128 tal-Kap 10 –**

**reat istantanju – reat permanenti – bidu tad-dekorriment**

**tal-perjodu ta' preskrizzjoni – ne bis in idem – l-istess fatt**

**Seduta tal-Ħaż-Żabbar**

**Sentenza**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**v**

**Sergei Vella**

Illum, 23 ta' Ġunju 2017

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Sergei Vella I.D. 333587M, [...].

Akkużat talli bejn il-15 ta' Lulju, 2016 u xhur preċedenti ġewwa l-fond.

1. Minghajr permess tal-familja Buhagiar, bena ċummnija forn jew forġa ma' ħajt, ukoll jekk dak il-ħajt huwa kollu ta' proprjeta' tiegħu, bejn fondi ta' sidien diversi, u cioe' l-fond proprjeta' tal-familja Buhagiar.

2. Bena forn, fuglar, jew forġa u qiegħed jagħmel użu minnhom f'post li minnu minħabba li m'hemmx ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini – stante li ċ-ċumnija li hu bena qegħda mal-ħajt li jiddividi l-fond tiegħu minn dak tal-familja Buhagiar – dak id-duħħan jista jmur fit-triq jew f'dar viċina jew li l-użu ta' dan il-forn, fuglar, jew forġa, jistgħu idejqu jew ikunu ta' inkonvenjent lill-ġirien.

Rat l-Artikoli 128 u 321 tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ħadet konjizzjoni tal-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* sollevata verbalment mill-abbli avukat difensur tal-imputat waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2017;

Rat id-dokumenti esibiti li jikkonsisti fil-kwerela ta' George Buhagiar, il-current incident report, ritratti taċ-ċumnija in kwistjoni u notamenti personali esibiti mill-kwerelant George Buhagiar; il-komparixxi kontra l-imputat odjern datata 12 ta' Novembru 2015 u s-sentenza dwar l-imputazzjonijiet ivi dedotti tal-15 ta' Lulju 2016;

Qrat l-affidavit ta' PS 1593 Alfred Cachia;

Semgħat id-depożizzjoni *viva voce* tal-kwerelant u martu;

Semgħet lill-abbli avukati difensuri tal-parti ċivili u tal-imputat jitrattaw il-każ;

Ikkunsidrat:

lIlli m'hemmx dubbju li l-akkużi dedotti fil-kawza tallum huma identiċi ghal dawk dedotti fl-akkuża tat-12 ta' Novembru 2015; l-unika differenza hi li

filwaqt li l-ewwel kwerela kienet tkopri "l-24 ta' Awwissu 2015 u x-xhur ta' qabel"; dik preżenti tkopri "l-15 ta' Lulju 2016 u xhur preċedenti."

Illi waqt il-proċediment dwar l-ewwel kwerela, il-prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni filwaqt li din il-Qorti, diversament ippreseduta, iddikjarat illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni "stante preskrizzjoni trimestrali".

Illi jirriżulta anke mix-xhieda tal-kwerelant innifsu li l-ilment tiegħu hu dwar ċumnija u fireplace li l-imputat allegatament bena mal-ħajt diviżorju bejn il-proprjetajiet rispettivi tiegħu u tal-kwerelanti f'Awwissu 2015 u li sussegwentement għolla bi tlett filati.

Illi għalhekk m'hemm l-ebda dubbju li l-imputat qiegħed jiġi akkużat fuq l-istess fatt anke jekk id-dati fuq il-komparixxi huma differenti. Il-"fatt" huwa l-bini taċ-cumnija esegwit bi vjolazzjoni tal-**Artikolu 128 tal-Kap 10** tal-Liġijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tipprojbixxi lil min "jibni" ċumnija, forn, fuglar et ċetera. Issa jidher li fis-sentenza tagħha, din il-Qorti diversament ippreseduta kkunsidrat dan ir-reat bħala wieħed instantanju – din il-Qorti qed tuża din il-kelma għaliex din hija deduzzjoni u interpretazzjoni tagħha billi s-sentenza *de quo agitur* mhix immotivata. Jidher li l-Qorti kkunsidrat il-kelma "jibni" bħala l-att ta' kostruzzjoni innifsu, li ġie komplut f'Awwissu 2015. Ċjoe` appena x-xogħol fuq il-*fireplace* u ċ-ċumnija tlesta, ir-reat, dejjem skont din il-Qorti f'dik is-sentenza, ġie kkonsmat u allura beda jiddekorri ż-żmien tal-preskrizzjoni.

Illi jekk din il-Qorti, kif issa ppreseduta, ukoll tikkonsidra r-reat bħala wieħed instantanju, m'hemmx dubju li (1) l-imputat qed jiġi akkużat dwar l-istess fatt (kostruzzjoni fix-xahar t'Awwissu 2015) u li (2) iktar u iktar issa hemm mil-preskrizzjoni ta' tlett xhur, għax ir-reat ilu li ġie kkunsmat minn dik id-data. B'danakollu din mhix il-fehma ta' din il-Qorti kif issa ppreseduta. Bir-rispett

kollu lejn il-ġudikant li ppronunzja s-sentenza kontra l-imputat, hija iktar propensa li tinterpreta l-kelma "jibni" mhux limitatament għall-att ta' kostruzzjoni nnifsu, imma għall-binja innifisha. Dak li evidentement il-liġi tixtieq tiprojbixxi mhuwiex l-att ta' kostruzzjoni *per se* imma l-kostruzzjoni nnifisha mal-hajt divizorju. Il-"bini" għalhekk huwa stat ta' fatt kontra l-liġi li qed jipperdura mingħajr interruzzjoni. Fi kliem ieħor huwa reat **permanenti.** Fir-reati permanenti, il-konsumazzjoni tar-reat ma sseħħx f'mument, imma f'perjodu, kompriż bejn il-bidu u t-tmiem tal-istat anti-ġuridiku. Jekk inhu hekk il-każ, m'hemmx preskrizzjoni għaliex iċ-ċumnija hemm għadha u l-preskrizzjoni lanqas biss bdiet għaddejja (ara **Artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali**). B'danakollu, kemm jekk ir-reat huwa wiehed instantanju, kif ukoll jekk huwa wiehed permanenti, **il-"fatt" jibqa' l-istess wieħed** – l-att ta' kostruzzjoni fl-ewwel ipotesi; il-binja fit-tieni eventwalita` u għalhekk xorta waħda tibqa' treġi l-eċċezzjoni tan-***ne bis in idem.***

Illi din il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni tal-kwerelant, iżda bir-rispett ma taqbilx mal-abbli avukat difensur tiegħu li f'dan il-każ mhix qed issir ġustizzja miegħu minħabba teknikalitajiet legali. Il-prinċipju li persuna ma tiġix ipproċessata iktar minn darba għall-istess fatt huwa prinċipju mhux biss sanċit fil-kodiċi penali tagħna imma wkoll fil-Kostituzzjoni kif ukoll huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-kwerelant għandu għodda legali oħrajn li permezz tagħhom jista' jiddefendi d-drittijiet tiegħu.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dan il-każ.

Mag. Grazio Merieca